MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016

Rikors Maħluf Numru: 134/15 LM

**Joseph u Joan Mary konjugi Grixti**

**vs.**

**Linear Assicurazioni S.p.A**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Joseph u Joan Mary konjugi Grixti** (minn issa 'l quddiem "l-atturi") ippreżentat minn Joseph Grixti fit-12 ta' Frar, 2015, li jaqra hekk:

### *A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI*

*1. Illi nhar il-5 ta' Settembru, 2013 seħħ inċident awtomobilistiku fi viale Kennedy, 115/A, Scarperia, Italia għall-ħabta tad-9.00 a.m. illi kien*

*jinvolvi l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FZI 289 di proprjetà tal-atturi u misjuq mill-attur Joseph Grixti, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EF014ET assigurata mis-soċjetà konvenuta. Kopja tar-Rapport relattiv annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG1;*

2. *Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Marco Parigi illi kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura assigurata mas-soċjetà konvenuta;*

3. *Illi bħala konsegwenza tal-inċident de quo l-atturi soffrew danni materjali, inkluż danni fil-mutur tagħhom, kif ukoll danni personali konsistenti f'diżabilità permanenti sofferta mit-tnejn illi huma, u dan kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4. *Illi minkejja illi ġiet debitament interpellata ai termini tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-danni kollha hekk sofferti mill-atturi, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti*

5. *Illi effettivament l-atturi kienu saħansitra kkwantifikaw il-pretensjoni tagħhom permezz ta' ittra legali mibgħuta lis-soċjetà konvenuta nhar il-25 ta' Settembru, 2014, illi kopja tagħha hija annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG2;*

6. *Illi s-soċjetà konvenuta rċiviet l-istess ittra, skont kif jirriżulta mill-email mibgħuta minn Mattia Ottolini lill-konsulent legali tal-atturi nhar l-10 ta' Diċembru, 2014 illi permezz tagħha s-soċjetà konvenuta rrikonoxxiet ir-riċevuta tal-ittra legali tal-25 ta' Settembru, 2014 illi kopja tagħha hija annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG3;*

7. *Illi ciononostante, is-soċjetà konvenuta naqset milli tibgħat kontroproposta jew tal-inqas tindika jekk ir-responsabilità għall-akkadut hijiex aċċettata jew le fi żmien tliet (3) xhur mid-data tal-ittra tal-atturi, kif kienet obbligata illi tagħmel ai termini tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9B(6) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet*

*ta' Malta. B'hekk, ai termini tal-istess dispożizzjoni, għandhom jiġu kkalkolati l-interessi fuq l-ammont ta' danni illi jista' talvolta jiġi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti b'effett mill-25 ta' Settembru, 2014 u dana ai termini tal-Artikolu 9B(7) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi dina l-Onorabbli Qorti għandha l-ġurisdizzjoni illi tisma' u tittratta dwar il-kwistjoni odjerna ai termini tal-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament 44/2001/EC u l-Artikolu 25 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-atturi.*

## *B. RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI*

10. *Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara illi Marco Parigi illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EF014ET, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar il-5 ta' Settembru, 2013 fi viale Kennedy, 115/A, Scarperia, Italia għall-ħabta tad-9.00 a.m. u konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident, u in segwitu jiġu likwidati u jkun hemm kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi, kemm in konnessjoni mal-ħsarat imġarrba fil-mutur di proprjetà tagħhom bin-numru ta' reġistrazzjoni FZI 289, kif ukoll dawk id-danni riżultanti mid-diżabilitajiet permanenti sofferti mill-atturi, bħala riżultat tal-inċident de quo occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

## *C. TALBIET ATTRIĊI*

*Għaldaqstant tgħid is-soċjetà konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:-*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi Marco Parigi, illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EF014ET, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar il-5 ta' Settembru 2013 fi viale Kennedy, 115/A, Scarperia, Italia għall-ħabta tad-9.00 a.m.;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi, ai termini tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, kemm dawk materjali konsistenti fil-ħsarat imġarrba fil-mutur di proprjetà tagħhom bin-numru ta' reġistrazzjoni FZI 289, kif ukoll id-danni kollha konsegwenzjali, inkluż dawk konnessi mad-diżabilitajiet permanenti sofferti miż-żewg atturi, bħala riżultat tal-inċident de quo, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tordna u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali mill-ittra legali tal-25 ta' Settembru, 2014 ai termini tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9B(6) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta kontra s-soċjetà konvenuta illi tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2015 fejn, wara li aċċertat ruħha li s-soċjetà konvenuta kienet debitament notifikata u li iżda ma kinitx ippreżentat

risposta maħlufa, din il-Qorti ddikjaratha bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat li permezz ta' provvediment mogħti fl-udjenza tal-24 ta' Ottubru, 2016 l-istess soċjetà konvenuta ġiet mogħtija terminu ta' għaxart ijiem sabiex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha a tenur tal-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12 iżda anke hawn baqgħet inadempjenti.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum 28 ta' Novembru, 2016 għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabilità għal danni li sofrew kawża ta' inċident awtomobilistiku li seħħ fi Scarperia, l-Italja bejn il-*motorcyle* tagħhom misjuq mill-attur u vettura assikurata mis-soċjetà konvenuta.

Illi l-atturi jsostnu li minkejja li l-inċident seħħ fl-Italja u s-soċjetà assikuratriċi għandha s-sede tagħha fl-Italja, din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni biex tisma' l-każ a tenur tal-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament 44/2001/EC u l-Artikolu 25 tal-

Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi Regolament, jew kif inhu magħruf ukoll, il-*Brussels I Regulation*, iwaqqaf reġim ġurisdizzjonali billi jistabbilixxi r-regoli li jridu jiġu applikati mill-Qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea biex jiddeterminaw jekk għandhomx ġurisdizzjoni f'każijiet li jkollhom konnessjoni ma' iktar minn Stat Membru wieħed. Il-prinċipju ġenerali huwa dak ta' *actor sequitur forum rei* - li l-konvenut jiġi mħarrek fl-istat fejn huwa "iddomiċiljat". Domiċilju skont l-imsemmi Regolament ifisser il-post fejn persuna jkollha r-residenza abitwali jew ordinarja. Il-liġi tiffavorixxi lill-konvenut, billi bħala regola, huwa iktar diffiċli li wieħed jiddefendi ruħu quddiem il-Qrati ta' pajjiż barrani milli dawk tal-pajjiż fejn jinstab iddomiċiljat. B'danakollu, ir-Regolament I ta' Brussell jagħmel għadd ta' eċċezzjonijiet għal din ir-regola, fosthom:

(i) f'għadd ta' istanzi, speċifikati fl-istess Regolament, fejn il-Qrati ta' pajjiż membru jkollhom ġurisdizzjoni esklussiva irrispettivament mid-domiċilju tal-attur jew tal-konvenut, per eżempju kwistjonijiet relatati ma' proprjetà immobbiljari.

(ii) jekk il-konvenut jiġi mħarrek fejn il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni, u jidher quddiemha, allura dik il-qorti takkwista l-ġurisdizzjoni. (l-Artikolu 24 tar-Regolament kif emendat fit-2012)

(iii) f'każijiet ta' kuntratti ta' assikurazzjoni, tal-konsumatur, u tal-impjieg, l-attur jista' jħarrek fl-Istat fejn huwa ddomiċiljat. Din l-

eċċezzjoni saret sabiex tiġi protetta u aġevolata l-parti l-aktar dgħajfa fil-litigazzjoni. F'każijiet ta' assikurazzjoni, din ir-regola hija trasposta fil-liġi ta' Malta permezz tal-Artikolu 9A u l-Artikolu 25 tal-Kap. 104, li jagħmel riferiment għall-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 9 tar-Regolament 44/2001/EC. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, f'azzjonijiet fejn il-vittma tista' tiftaħ kawża direttament kontra l-assikurazzjoni, assikuratur iddomiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mħarrek quddiem il-Qrati tal-Istat membru ieħor fejn l-attur ikun iddomiċiljat (l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament). F'Malta, il-jedd dirett kontra l-assikurazzjoni li tkun ħarġet il-polza tal-assikurazzjoni tal-persuna responsabbli għall-inċident huwa mogħti bl-Artikolu 9A tal-Kap. 104.

Illi m'hemmx dubbju għalhekk li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi dan il-każ, u li s-soċjetà konvenuta hija l-leġittimu kontradittur għall-azzjoni tal-atturi.

Illi l-atturi esebew rapport dwar l-inċident[1] rilaxxjat mill-*Polizia Municipale* ta' Scarperia, l-Italja li jikkonstata li mill-investigazzjoni li għamlet il-Pulizija Taljana kif ukoll mill-istqarrijiet tal-partijiet involuti, verosimilment id-dinamika tal-inċident kienet li s-sewwieq tal-vann tat-tip *Citroen* misjuq minn Marco Parigi assikurat mas-soċjetà konvenuta, li kien qiegħed isuq fid-direzzjoni ta' Scarperia – San Pietro, dawwar fuq ix-xellug tiegħu biex jidħol f'post mhux

[1] Fol 8 et seq.

soġġett għall-passaġġ pubbliku mingħajr ma ta l-preċedenza lill-mutur tat-tip *Yamaha* misjuq mill-attur Joseph Grixti li kien ġej mid-direzzjoni opposta fuq il-karreġġjata tal-lemin.[2] L-impatt kien bejn il-faċċata ta' quddiem tal-mutur u l-bieba tal-ġenb tal-lemin tal-vann.

Illi fl-affidavit tiegħu[3] l-attur **Joseph Grixti** stqarr li huwa kien qiegħed isuq il-mutur flimkien ma' sħabu li kienu wkoll qed isuqu l-muturi rispettivi tagħhom. Martu l-attriċi Joan Mary Grixti kienet riekba warajh fuq il-mutur tiegħu. L-attur kien qiegħed isuq għad-dritt fid-direzzjoni ta' Scarperia, b'veloċità ta' madwar 50 kilometru fis-siegħa. L-attur lemaħ vann abjad ġej mid-direzzjoni opposta li kiser f'daqqa lejn ix-xellug tiegħu u ġie fil-karreġġjata tal-attur biex jidħol f'passaġġ li kien hemm fuq il-lemin tal-attur. Meta Marco Parigi assikurat mas-soċjetà konvenuta kiser għall-karreġġjata tal-attur, ma kienx iktar minn tul ta' zewġ karozzi bogħod u b'hekk il-mutur ma kellux distanza biżżejjed biex jieqaf. Bid-daqqa l-mutur inqaleb u l-attur u martu taru minn fuqu u nstabtu mal-art.

Illi stante li s-soċjetà konvenuta għażlet li tibqa' kontumaċi, din il-Qorti ta' bilfors ikollha tistrieħ fuq il-provi prodotti mill-atturi. F'dan il-każ il-Qorti apparti l-verżjoni tagħhom għandha wkoll il-konfort tal-konstatazzjoni oġġettiva tar-rapport tal-Pulizija Taljana tad-dinamika tal-inċident li tikkorrobora l-verżjoni tal-atturi. Ġaladarba l-attur kien qiegħed isuq għad-dritt, kellu preċedenza fuq is-sewwieq assikurat tas-soċjetà konvenuta li biddel

[2] Fl-Italja, il-vetturi jinstaqu fuq in-naħa tal-lemin, u mhux fuq in-naħa tax-xellug bħalma jagħmlu f'Malta.
[3] A fol. 112 et seq.

id-direzzjoni li fiha kien qiegħed isuq. Is-sewwieq tal-vann naqas meta biddel il-karreġġjata qabel aċċerta ruħu li seta' jidħol fil-karreġġjata l-oħra mingħajr periklu għat-traffiku li seta' jkun tranżitanti fiha dak il-mument. Din il-manuvra kienet il-kawża immedjata tal-inċident. F'każ ta' din ix-xorta, intqal li:

> "Il-car tal-attur kien miexi fi triq dritta u fit-triq prinċipali u fuq sajdu; il-konvenut minn triq prinċipali ried imur fi triq sekondarja u biex jagħmel hekk ried imur fuq il-lemin tiegħu u jinvadi t-triq tal-attur li kellu d-dritt tal-passaġġ. L-attur huwa għalhekk assistit mill-preżunzjoni illi t-tort huwa ta' min invada t-triq tiegħu. *A driver turning his vehicle towards the right and thereby colliding with a vehicle turning towards him on the same road is generally at fault* **(Gibb, Trial of Motor Car Cases sec. 79)** [4].
>
> Min, waqt li jsuq karozza, jiġi biex idur għan-naħa l-oħra tat-triq hu obbligat mhux biss li jagħti sinjal adegwat tal-manuvra li sejjer jagħmel imma li jaċċerta ruħu wkoll li t-triq tkun libera. Jekk imbagħad min ikollu d-dritta, jipprova jgħaddi xorta waħda avolja jkun ittenda bil-manuvra tas-sewwieq l-ieħor tempestivament, ikollu wkoll parti mit-tort[5]. F'dan il-każ, A li kien għaddej għad-dritt kellu 1/3 tat-tort; B li qasam it-triq 2/3.
>
> Dak attribwit minnu fil-konfront tal-konvenut jista' b'egwal raġjonament jingħad fil-konfront tiegħu. Jekk kien jaf bil-ġebel fit-triq u ħtieġlu jevitah għaliex ma ħax prekawzjoni biex jew jieqaf jew jesplora sew it-triq qabel ma ddeċieda li jinfila ruħu fil-parti leminija tat-triq. Ħtieġlu fuq kollox, jagħti preavviż lil min, bħal konvenut, kien ġej minn warajh li hu kien ser jagħmel il-manuvra li għamel;
>
> Minflok għamel dan, kif kienu hekk jiddettawlu r-regolamenti u l-prudenza, huwa għaddas rasu, ħoloq ostakolu innavertit lill-konvenut u ingombralu l-passaġġ liberu tat-triq transitata minnu;

[4] **Joseph Fsadni vs. Carmelo Zahra** – PA (Imħallef A. Gauci Maistre), 01.10.1964 – XLVIII.ii.1157.
[5] **Edgar Amato Gauci vs. Francis Vassallo** – PA (Imħallef J. Flores), 04.12.1963 – XLVII.ii.1048.

> Fl-istat ta' fatt magħruf jista' jingħad li għall-inċident jaħti l-istess attur billi prinċipalment naqas li jagħti lill-konvenut avviż fi żmien utli li kien ser jikkonverġi għan-naħa tiegħu tat-triq. Id-danni juru din l-impronta tal-ħtija fl-attur[6]."

Illi għalhekk mill-provi in atti jirriżulta li Marco Parigi kien unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża.

Illi l-atturi ġiebu provi tad-*damnum emergens* permezz ta' diversi dokumenti esebiti u kif elenkati fil-prospett tad-danni[7] minn fejn jirriżulta li t-total ta' dawn id-danni jammonta għal €16,753.65.

Illi permezz ta' esperti mediċi, kemm l-attur kif ukoll l-attriċi ppruvaw li sofrew diżabilità fiżika ta' 6%.

Illi dwar il-*lucrum cessans* soffert mill-attriċi Joan Mary Grixti, jirriżulta li din ma tistax tagħmel xogħol ta' strapazz u għalhekk kellha tirrifjuta promozzjoni għal *assistant care worker* mal-Gvern, b'salarju ta' €12,229 li jogħla għal €13,036 wara ħames snin, minflok il-grad preżenti tagħha ta' *social assistant* li jirrendilha salarju ta' €10,585.29 fis-sena. Tenut kont li l-età tal-irtirar fil-każ tal-attriċi hija ta' 65 sena, u li kellha 45 fid-data tal-inċident, id-diżabilità ta' 6% kif ikkonstatata mill-konsulent ortopediku Mr Ray Gatt, l-arrotondament tas-salarju tagħha għal €16,946.8[8], u 16% tnaqqis għal *lump sum payment*, l-attriċi għandha tieħu €16,946.8 x 6% x 20 x 0.84 = €17,082.37.

---

[6] **Bonnici Joseph vs. Muscat Godwin** – 28.03.2003, PA (PS).
[7] A fol. 23.
[8] Skont ir-raġunament tas-sentenza **Saviour Ellul Bonici vs. Salvatore Farrugia** 28.06.2006, Prim'Awla (RCP).

Illi l-*lucrum cessans* tal-attur ibbażat fuq il-paga tiegħu ta' €42,057.66, arrotondata għal €54,700, tenut kont li fid-data tal-inċident kellu 49 sena filwaqt li l-età pensjonabbli tiegħu hi ta' 65 sena, u tnaqqis ta' *lump sum payment* ta' 16%, ifisser li jammonta għal €54,700 x 6% x 16 x 0.84 = €44,110.08.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, u fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi –**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi Marco Parigi, illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EF014ET, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar il-5 ta' Settembru, 2013 fi viale Kennedy, 115/A, Scarperia, Italia għall-ħabta tad-9.00 a.m.;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi, ai termini tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat tal-inċident *de quo* fis-somma ta' €16,753.65 *damnum emergens*; u *lucrum cessans* fis-somma ta' €44,110.08 lill-attur Joseph Grixti u €17,082.37 lill-attriċi Joan Mary Grixti, total ta' €77,946.10;**

4. **Tordna u tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mill-ittra legali tal-25 ta' Settembru, 2014 ai termini tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/13/EC u tal-Artikolu 9B(6) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Moqrija.